- *MHUX TAL-KWALITA' PATTWITA –*
- *KONKLUZJONIJIET PERITALI –*
- *ART. 681 TAL-KAP 12 –*
- *APPREZAMENT TAL-PROVI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' tallum it-Tlieta 30 t'April 2002**

**Kawza Numru: 26**
**Citazzjoni Numru: 2459/97/RCP**

**Alfred u Jane konjugi Mizzi**

**vs**

**M.R.C.D. Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-atturi ordnaw u xtraw minghand is-socjeta konvenuta kwantita ta' madum tac-ceramika ta' tip '*Gres First Choice*

*Ontario 419'* skond zewg *invoices* li kopji taghhom huma hawn annessi u mmarkati Dokument 'A' u Dokument 'B', liema ceramika kienet destinata ghat-tqeghid fil-fond 'Barun', 39 Triq li-Qawwara, Marsaskala.

Illi din l-ordni inxtrat fuq kampjun li gie muri lill-atturi fix-*'showroom'* tas-socjeta konvenuta u li sa llum ghadu fil-pussess ta' l-istess socjeta konvenuta;

Illi inoltre l-ftehim kien explicitu fis-sens li dan il-madum tac-ceramika mhux biss kellu jkun konformi mal-kampjun muri lill-atturi izda kellu jkun *'first quality tiles'* u cioe` madum ta' l-aqwa kwalita *('prima qualita'*);

Illi dan il-madum tac-ceramika inxtara versu l-prezz ta' sitt elef, seba mija, sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm6,727), inkluz VAT skond l-istess dokumenti 'A' u 'B' hawn fuq imsemmija, u thallas depositu akkont tal-prezz fl-ammont ta' elf, seba mija, sebgha u ghoxrin liri Maltin (Lm1,727) skond fotokopja ta' ricevuta hawn annessa u mmarkata Dok 'C';

Illi skond certifikat mahrug mill-Perit Mariello Spiteri, li kopja tieghu huwa hawn anness u mmarkat Dok 'D', jirrizulta li dan il-madum ta' tip ceramika kien difettuz u ma kienx tal-kwalita pattwita u imweghda kif fuq inghad ghaliex meta spezjona kwantita ta' '*tiles*' li gew ikkonsennjati lill-atturi, li dan skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur, huwa wasal ghall-konkluzjoni li l-ucuh ta' dawn it-*'tiles'* ma kienux lostrati b'mod uniformi, biex b'hekk ma kienux tajbin ghat-

tqeghid, u dan skond kif ser jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi s-socjeta konvenuta, mitluba biex tikkonsennja l-madum skond il-kwalita` u l-prezz pattwit, baqghet inadempjenti;

Illi minhabba l-inadempjenza tas-socjeta konvenuta, l-atturi sofrew, qieghdin isofru u ghad iridu jsofru d-danni, fost ohrajn kera ta’ post fejn jghixu, ghaliex ma jistghux jabitaw fil-post fejn ic-ceramika in kwistjoni kienet destinata, u dan skond kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

L-istess atturi talbu li ghalhekk is-socjeta konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex, ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara li l-madum ta’ tip ceramika fuq imsemmi mixtri mill-atturi minghand is-socjeta` konvenuta huwa difettuz, mhuwiex tat-kwalita pattwita u imwieghda u mhuwiex skond il-kampjun muri lill-atturi, kif hawn fuq inghad, anke jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi;

2. Tirrexxindi l-kuntratt ta’ bejgh bejn il-partijiet in konsegwenza tad-difetti hawn fuq imsemmija;

3. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta tirrifondi lill-atturi d-depositu ta’ Lm1,727 imhallas akkont tal-prezz, filwaqt illi l-atturi jirritornaw il-madum tac-ceramika li hu fil-pussess taghhom;

4. Tiddikjara s-socjeta konvenuta responsabbli ghad-danni li l-atturi sofrew, qeghdin isofru u li ghad iridu jsofru fil-futur.

Bl-ispejjes kollha inkluz l-ETS, kif ukoll dawk ta' l-ittra interpellatorja li ggib id-data tad-9 ta' Mejju 1997, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni kontra s-socjeta konvenuta, li d-direttur taghha huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni tieghu.

B'rizerva ghal kull azzjoni ta' likwidazzjoni ta' danni kontra s-socjeta konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 8 tal-process;

Rat il-verbal tat-18 ta' Gunju 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' MRCD Limited tas-27 ta' Awissu 1998 fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fi dritt stante illi m'huwix minnu illi l-madum ipprovdut mis-socjeta' konvenuta m'huwix tal-kwalita' patwita;

2. Illi fil-fatt, is-socjeta' konvenuta kellha l-madum ezaminat minn diversi ditti ta' *'quality analysis'* u kollha kkonkludew illi l-madum kien ta' kwalita' tajba li jikkonforma mal-ispecifikazjonijiet internazzjonali

3. Illi ghalhekk l-atturi m'ghandhomx raguni ghala qed jirrifjutaw il-konsenja tal-madum ordnat.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-**Kontro-talba tas-socjeta' konvenuta** a fol. 17 tal-process fejn l-istess ppremettiet li:-

Illi l-atturi ordnaw minghand is-socjeta' konvenuta kwantita' ta' madum (*invoice no. 16838* ghas-somma ta' tlett elef u tlett mija u erbatax il-lira Maltin u hamsa u sebghajn centezmu (Lm3,314.75) u *invoice no. 16839* ghas-somma ta' tlett elef u erba' mija u tnax-il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm3,12.25);

Illi l-madum gie ordnat minn barra mis-socjeta' konvenuta specifikatament ghall-atturi u wasal Malta f'Ottubru 1996;

Illi l-atturi talbu kampjun tal-madum li wasal Malta, u wara li huma nghataw kampjun, huma nformaw lis-socjeta' konvenuta li l-madum ma kienx tal-kwalita' prima;

Illi s-socjeta' konvenuta tichad din l-allegazzjoni u sahansitra kellha l-madum ezaminat minn diversi laboratorji indipendenti li jispeccjalizzaw f'analizi tal-kwalita', li lkoll ikkonfermaw li l-madum provdut kien ta' kwalita' prima u jikkonforma mal-ispecifikazzjonijiet internazzjonali;

Illi dan nonostante l-atturi qed jirrifjuttaw illi jaccettaw l-konsenja tal-madum ordnat u jhallsu l-bilanc ta' hames t'elef lira Maltin (Lm5,000) dovut fuq il-prezz ta' dan il-madum;

Illi ghalkemm debitament interpellati, l-atturi rikonvenzjonanti baqghu inadempjenti;

Illi ghalhekk l-atturi rikonvenzjonati Alfred u Jane konjugi Mizzi ghandhom jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

(1) Tiddikjara illi l-madum provdut mis-socjeta' konvenuta M.R.C.D. Limited fuq ordni tal-atturi rikonvenzjonati Alfred u Jane konjugi Mizzi, huwa ta' kwalita' pattwita;

(2) Konsegwentement tikkundanna l-atturi rikonvenzjonati Alfred u Jane konjugi Mizzi jhallsu s-somma ta' hames t'elef lira Maltin (Lm5,000) lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonata M.R.C.D. Limited, rapprezentanti l-bilanc fuq il-prezz tal-madum ordnat mill-istess atturi rikonvenzjonati (*invoices* numru 16838 u 16839 hawn annessi).

Bl-ispejjez u mghax legali dovuti mid-data tal-hlas dovut kontra l-atturi rikonvenzjonati Alfred u Jane konjugi Mizzi li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta u l-lista ta' xhieda a fol. 19 u 20 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi ghall kontro-talba tas-socjeta' konvenuta a fol. 22 tal-process fejn ecceppew:-

1. Illi huwa minnu li l-atturi rikonvenzjonati kienu ordnaw minghand is-socjeta konvenuta M.R.C.D. Limited kwantita ta' madum skond l-invoices li jgibu n-numri 16838 u 16839, u dan skond kopji ta' l-istess 'invoices' ezebiti minnhom stess mac-citazzjoni li mmarkati Dok 'A' u Dok B'.

2. Illi pero l-kontro-talba tas-socjeta konvenuta hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra taghha, stante li l-ordni nxtrat fuq kampjun li gie muri lill-atturi rikonvenzjonati fix-'showroom' tas-socjeta konvenuta, u inoltre kien sar ftehim esplicitu fis-sens li l-madum mhux biss kellu jkun konformi mal-kampjun muri lill-atturi rikonvenzjonati, izda kellu jkun madum tal-aqwa kwalita' (prima kwalita`);

3. Illi kuntrarjament ghal dak li qieghda ssostni s-socjeta konvenuta u skond certifikat mahrug mill-Perit Mariello Spiteri, li kopja tieghu hija annessa mac-citazztoni u mmarkata Dok 'D' jirrizulta li l-madum in kwistjoni kien difettuz, u ma kienx tal-kwalita' pattwita u mwieghda u dan skond kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjon, tal-kawza;

4. Illi ghalhekk l-atturi rikonvenzjonati ghandhom kull dritt li jirrifjutaw li jaccettaw il-konsennja tal-madum ordnat, u dan skond l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u m'ghandhomx jigu kkundannati li jhallsu

l-bilanc ta' prezz tal-madum fl-ammont ta' hamest elef liri Maltin (Lm5000) kif mitlubin li jaghmlu;

Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi rikonvenzjonati u l-lista ta' xhieda a fol. 22, 23 u 24 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-18 ta' Gunju 1998, 25 ta' Novembru 1998, 18 ta' Jannar 1999; 20 ta' Ottubru 1999; 14 ta' Frar 2000; 28 ta' April 2000; 23 ta' Gunju 2000; 29 ta' Novembru 2000; 20 ta' Frar 2001; 28 ta' Frar 2001; 8 ta' Mejju 2001; 10 ta' Lulju 2001; 21 ta' Novembru 2001; u 15 ta' Jannar 2002 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2002.

Rat ir-relazzjoni peritali tal-perit tekniku Joseph Ellul Vincenti tal-14 ta' Dicembru 2000 a fol. 39 sa fol. 56 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-istess perit tekniku minn fol. 57 sa fol. 120 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti mal-istess relazzjoni minn fol. 122 sa fol. 158 tal-process;

Rat r-risposti tal-Perit Tekniku ghad-domandi maghmula lilu mill-atturi minn fol. 162 sa fol. 167 tal-process, u x-xhieda tal-istess perit tekniku in eskussjoni tal-21 ta' Novembru 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza saret stante li l-atturi qed jallegaw li l-madum tat-tip ciramika *"Gres First Choice Ontario 419"* li huma ordnaw minghand is-socjeta' konvenuta ma huwiex tal-kwalita' pattwita stante li ma huwiex konformi mal-kampjun lilhom muri li ghadu fil-pusess tas-socjeta' konvenuta u fit-tieni lok ghaliex ma huwiex tal-'*prima kwalita'* u ghalhekk talbu li l-istess kuntratt jigi rexxiss u d-depositu mhallas jigi rifuz lilhom mis-socjeta' konvenuta.

Illi min-naha l-ohra s-socjeta' konvenuta pprezentat kontro-talba *ai termini* ta' liema talbet li jigi dikjarat li l-istess materjal huwa tal-kwalita' pattwita, u konsegwentement l-atturi jigu ordnati ihallsu lis-socjeta' konvenuta l-ammont ta' Lm5,000 rappresentanti bilanc minn somma akbar prezz tal-istess madum.

Illi ghalhekk huwa ovvju li f'din il-kawza dak li ghandu jigi determinat ghas-soluzzjoni ta' din il-pendenza huwa jekk tali madum li gie ordnat mill-atturi huwiex tal-kwalita' pattwita, u ghal dan l-iskop saret in-nomina minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta tal-Perit Tekniku Joseph

Ellul Vincenti li pprezenta ir-rapport tieghu fl-14 ta' Dicembru 2000.

Illi mill-provi prodotti irrizulta li l-atturi kienu ordnaw il-madum *de quo* mix-*showroom* tal-istess socjeta' konvenuta u kellhom maghhom lill-certu Paul Montanaro, liema madum gie ordnat mis-socjeta' konvenuta appositivament sabiex iforni l-ordni tal-istess atturi; meta l-madum wasal Malta l-attur talabha zewg kaxex minnhom u skond huwa sab li parti mill-wicc tal-madum ma kienx illustrat u kien hemm rigi fejn il-*polish* ma harigx, u b'dan informa lis-socjeta' konvenuta li cahdet dawn allegazzjonijiet; wara l-Perit Mariello Spiteri w id-ditta Centro Ceramica fl-Italja hargu zewg certifikati li indikaw l-allegati difetti.

Illi fil-fatt l-istess attur spjega l-ilmenti tieghu fl-istess madum fix-xhieda tieghu tal-15 ta' April 1999 fejn sostna li:-

*"l-unika difett li sa fejn naf jien kellu l-madum, kien il-polish tieghu. B'dan irrid infisser li kien hemm partijiet li ma kellhomx polish fuqhom. F'xi partijiet kien hemm rigi tondi li kienu jidhru fil-wicc tal-maduma"*

Illi min-naha l-ohra l-attrici sostniet fix-xhieda taghha tas- 6 ta' Lulju 1999 li:-

*"Il-madum fih certu tidwier u fil-genb ma kien ippolixxjat. Dan ma kienx l-istess f'kull maduma pero` it-tidwir kien mal-madum kollu".*

Illi min-naha l'ohra s-socjeta' konvenuta tramite Bernard Grech ikkonfermat l-ordni li saret u li wara li saru l-ilmenti mill-atturi huma ikkonfermaw mad-ditta fornitrici li tali madum kien tal-kwalita' rikjesta skond certifikat mahrug minnhom fit-2 ta' Lulju 1997 a fol. 135 tal-process, kif l-istess iccertifikaw Standards Laboratory fl-4 ta' Gunju 1997 a fol. 137 tal-process, li gew ikkonfermati wkoll minn Carmel Cutajar u ic-*Centro Ceramica* ta' Bologna skond id-dokumenti "BC3"; "BC4" u "BC5" a fol. 138 sa fol. 148 tal-process.

Illi fil-fatt skond l-istess certifikat mahrug minn din id-ditta gie indikat li l-persentagg ta' *tiles* bla difetti kien jammonta ghal 100%. Illi l-istess jista' jinghad ghal Carmelo Cutajar li kien imqabbad mid-Dipartiment tal-Konsumaturi li ha *samples* tal-madum, b'kollox erba' madumiet minn kaxxi differenti issigillati u ghamel l-ispezzjoni ghas-*'surface quality'* u sab li l-istess madum minnu ezaminat ma kien fih ebda difetti kif jirrizulta mid-Dok. "BC2".

Illi id-ditta fornitrici wkoll ezaminat il-madum spediet lilha mill-Perit Mariello Spiteri ghan-nom tal-atturi u wara li ghamlu it-*tests* necessarji skond in-norm ISO 10545 –2 li jikkorrispondi man-norm EN 176 gie wkoll certifikat li l-istess madum sar in konformita' mal-istandard *'first choice".* Dan apparti mix-xhieda ta' Carmel Ghaxaq li fix-xhieda tieghu tad-29 ta' Novembru 1999 sostna li huwa kellu esperjenza ta' 35 fix-xoghol tal-madum u li ghalih l-istess madum ma kien fih xejn hazin u ma kellu l-ebda difett.

Illi l-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu ndikata sostna li:-

*“Wiehed irid jghid li t-tiles ordnati mill-atturi mhumiex “glazed tiles” izda “polished tiles”. Id-differenza hija kbira. F’tal-ewwel, is-shining surface johrog permezz ta’ zmaljatura, filwaqt li fit-tieni kaz johrog billi t-tile tinghorok sakemm johrog il-wicc mistenni. L-atturi ghalhekk kienu ordnaw din it-tip ta’ polished tile”.*

*“Kemm l-atturi kif ukoll il-perit Mariello Spiteri jikkonfermaw u jillimittaw l-ilment taghhom ghal dak li hu polish tat-tiles biss peress li skond huma l-kantunieri tat-tiles mhumiex polished l-istess bhal kumplament tat-tiles. Ghalhekk is-sottoskritt illimita l-investigazzjoni tieghu ghal dak li hu polish tat-tiles mertu ta’ din il-kawza, cioe’ difett estetiku”.*

*“Ezami ghal difett estetiku fit-tiles isir billi jsir ezami vizwali minn nies ‘trained’ ghal dan ix-xoghol u d-difett irid ikun visibbli u ghalhekk ma hemmx bzonn ta’ apparat specjali. Wiehed irid ihares u jispezzjona dawn it-tiles minn distanza ta’ metru b’ghajnejh, jew bin-nuccali jekk ikun il-kaz u dan kif specifikat f’ISO 10545 – 2 “Determination of dimensions and surface quality”. Ta’ min jghid li t-tiles mertu ta’ din il-kawza kienu manifatturati skond EN176 li jaghmel riferenza ghal EN98 ghal dak li hu “surface quality” tal-madum. EN98 illum jinsab obsolete u flokha illum hemm ISO 10545 – 2.*

Illi peress li l-atturi esebew certifikat Dok. “MS 6” mahrug minn Centro Ceramica ta’ Bologna fejn inghad li l-wicc ta’ maduma wahda ma hijiex omogeneja u area ta’ cirka

200cm kwadru kellha rifless tad-dawl li jvarja, saru ezamijiet fuq disa' madumiet li ngabru f'diversi okkazzjonijiet mix-xhieda tal-partijiet mill-istess perit tekniku u dawn intbaghtu lill-Malta National Laboratory Company Limited sabiex issir '*quality surface test'* fuq l-istess skond l-istandard EN176 u EN 98, llum sostitwiet bl-ISO10545 –2, u fl-istess certifikat inghad, kif jidher mid-dokument "JEV/1" li l-fuq minn 95% tal-madum huwa hieles minn difett visibbli li jistghu jnaqqsu l-apparenza tal-bicca l-kbira tal-madum u l-madum hu omogenju fil-kwalita' tal-wicc ghal dak li hu dekorazzjoni.

Illi ghalhekk abbazi ta' dawn ir-risultanzi l-istess perit tekniku kkonkluda li:-

*"Wara li ha il-konsiderazzjoni dak kollu li ntqal hawn fuq, specjalment wara li ha in konsiderazzjoni ic-certifikat ta' sitt madumijiet mahrug mid-ditta Centro Ceramica, kif ukoll ta' ta' disgha (9) madumiet mahrug minn Malta National Laboratory Company Limited, u wara li s-sottoskritt nnifsu spezjona t-tiles kollha lilu prezentati waqt ix-xhieda tal-partijiet, ihossu f'posizzjoni li jghid li l-madum mixtri mill-atturi minghand is-socjeta' konvenuta m'huwiex difettuz, hu ta' kwalita' pattwita u mwieghda".*

Illi in eskussjoni l-istess perit tekniku kkonferma l-istess konkluzjonijiet tieghu billi sostna li sabiex isir it-test abbazi tal-ISO –10545 –2 jkun bizzejjed li jkollu madum ta' metru kwadru, u fil-fatt ghat-test mertu ta' din il-kawza kellu iktar minn dan; il-madum fil-fatt intaghzel minn diversi kaxxex '*at*

*random'* f'post fejn hemm intensita' tajba ta' dawl u ihares lejn l-istess madum minn distanza ta' metru l-boghod bla ma juza ebda strument hlief nuccali jekk normalment juza' nuccali; dwar ic-ceritifikat esebit bhala "MS 6" dan jghid li hemm *'diversita di riflessione della luce e di rigorisita'* li hija dovuta ghall-fatt li l-kulur tat-*tile* mhux omogenju ghaliex hemm partijiet aktar skuri minn ohrajn u ghalhekk ir-riflessjoni tad-dawl ivarja skond l-intensita' tal-kulur tat-*tile*, u dan huwa hekk minhabba *"an intentional decorative effect"* u mhux ghaliex hemm difett u lanqas ghaliex hemm nuqqas ta' uniformita` fil-*polish* tat-*tiles*.

Illi fl-istess eskussjoni l-istess perit tekniku indika id-diversi testijiet li saru fuq l-istess *tiles* u dawn jinsabu elenkati fir-raba' risposta tar-risposti minnu moghtija ghad-domandi lilu mressqa mill-atturi u fil-fatt tali testijiet kienu jikkonsistu fis-segwenti:-

(a) Test mill-Istandards Laboratory fuq erba' madumiet u minn quality test skond EN 98 irrizulta li l-istess madumiet huma hielsa minn kull difett visibbli skond Dok. "CC1" u wiehed minn dawn it-tests saru fuq inkarigu tal-istess perit tekniku kif jirrizulta wkoll kkonfermat mix-xhieda tal-istess perit tekniku in eskussjoni fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2001. Dwar li instab li kien hemm 95% tal-madum tajjeb skond l-istess perit tekniku dan jaqbel mal-10504 ISO standard, apparti li l-istess perit tekniku sostna anke fir-relazzjoni tieghu li dan ma jfissirx li hemm xi difett fl-istess madum.

(b) Test minn Centro Ceramica – Bologna maghmul minn sitt (6) madumiet maghzula minn kaxxex *"at random"* li lkoll gew iccertifikati 100% bla difetti.

(c) Testijiet minn Malta National Laboratory Company Limited fuq disa' *tiles* maghzula mill-perit tekniku fil-presenza tal-partijiet li gew ittestjati skond l-ISO 10545 –2 standard li minnu irrizulta li 95% tal-madum kien *"free from visible defects that would impair the appearance of a major area of tiles".*

(d) Ezamijiet ohra saru mid-ditta Alcares ta' Spanja fuq rikjesta tas-socjeta' konvenuta li ccekjaw *"a whole pallet of model 419 Ontario 40 x 40 polished with the same characteristics in tonality as the one sent to Malta"* u kkonfermaw li dawn jikkonformaw ma stantards internazzjonali bhala *'first quality'.*

(e) Illi l-perit tekniku firex diversi madumiet fid-dawl artificjali u wkoll intensiv u hares lejhom minn diversi angoli u diversi distanzi anke b'*magnifying glass* u fl-ebda kaz ma rrizulta li kien hemm xi difett fil-wicc tal-madum jew f'xi maduma. Illi dawn it-testijiet ghamilhom fid-dawl tax-xemx u fid-dell u kkonkluda li *"thares kemm thares tara li m'hemmx difetti fihom".*

(f) Illi fl-ahharnett l-istess perit tekniku irrileva wkoll li l-perit inkarigat mill-atturi, il-Perit Mariello Spiteri, meta mistieden biex jindika lill-perit tekniku fejn kien qed jara id-

difett f'wicc il-madum li kellu quddiemu *'dan ma kienx f'posizzjoni li juri fejn kien id-difett jew difetti'.*

(g) Illi ma dan din il-Qorti tirreferi ghax-xhieda ta' Paul Montanaro li kellu esperjenza fuq x-xoghol tal-madum u meta l-attur ilmenta mieghu dwar l-istess stat tal-madum huwa sostna li qal: "*meta rajtu mifrux ma ridtx naghti opinjoni u ma smajt xejn izjed".*

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-vantazzjoni tal-atturi li l-istess madum ma kienx tal-kwalita' pattwita ma ghandha ebda bazi fattwali u legali u l-istess atturi ma gabu xejn wara l-prezentata tal-istess rapport tekniku sabiex jikkontrastaw b'xi mod l-konkluzjonijiet tal-istess perit tekniku, u lanqas biss talbu li jigu nominati periti perizjuri, kif kellhom dritt li jaghmlu la darba hassew li ma kienux qed jaqblu mal-konkluzjonijiet peritali; ghamlu biss eskussjoni tal-istess perit tekniku li r-rizultanzi taghha kienu biss li l-istess espert tekniku kkonferma il-konkluzjonijiet tieghu u rriafferma l-istess.

Illi huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta' dan kollu li jigi applikat il-principju li gja gie uzat minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Spiteri *Tiles* Limited vs Raymond Borg"** (PA. RCP – 28 ta' Frar 2002) fejn inghad li *"ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-* ***artikolu 681 tal-Kap 12,*** *jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti "ma tistax taghmlu b'mod legger jew*

*kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja *et vs* Emmanuele Muscat *et*"** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 – LI.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *'b'danakollu, l-'giudizio dell'arte' espress mill-perit tekniku ma jistaghax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammeno che ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli".*

Illi ghalhekk abbazi tal-premess jirrizulta li l-istess madum lamentat mill-atturi huwa fil-fatt tal-kwalita' pattwita u dan iwassal sabiex jigu michuda t-talbiet attrici u jigu milqugha it-talbiet tas-socjeta' konvenuta fil-kontro-talba taghhom, u dan prevja l-adozzjoni tar-rapport peritali fuq indikat minn

din il-Qorti, li fil-fatt din l-istess sentenza ghall-parti teknika hija fuqu bbazata.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, **tichad it-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi.

Illi ghal dak li jikkoncerna l-**kontro-talba tas-socjeta' konvenuta,** ghal dawn l-istess motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-atturi rikonvenzjonati, **tilqa' t-talbiet tal-istess socjeta' konvenuta fil-kontro-talba taghha** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara illi l-madum provdut mis-socjeta' konvenuta M.R.C.D. Limited fuq ordni tal-atturi rikonvenzjonati Alfred u Jane konjugi Mizzi, huwa ta' kwalita' pattwita;

(2) Konsegwentement tikkundanna l-atturi rikonvenzjonati Alfred u Jane konjugi Mizzi jhallsu s-somma ta' hames t'elef lira Maltin (Lm5,000) lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonata M.R.C.D. Limited, rapprezentanti l-bilanc fuq il-prezz tal-madum ordnat mill-istess atturi

rikonvenzjonati (*invoices* numru 16838 u 16839 hawn annessi).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-1 ta' Novembru 1996 sal-effettiv papagment kontra l-atturi rikonvenzjonati Alfred u Jane konjugi Mizzi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' April 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' April 2002**